# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 48**

**nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2016, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Elizabeth Ebejer - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**---- MINUTI -----**

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Clayton Gauci u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

48.2.2 dwar punt 2.2 : is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet tressqet oġġezzjoni mill-perit Etienne Magri f' isem il-Kunsill Lokali għall-din l-applikazzjoni numru PA 04304/16.

48.2.3 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.3.1 Is-Sindku informa li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kien ġie mistieden mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-iffirmar tal-Proġetti Kapitali.

48.3.2 Is-Sindku informa wkoll li dwar il-proġett tal-Faċċol kien ser isir is-smigħ għand l-Awtorita' tal-Ippjanar fil-21 ta' Ottubru.

48.3.3 Is-Sindku informa li grupp ta' ħaddiema tar-Reġjun Tramuntana kienet qed iwettqu xogħlijiet ta' rinnovament fil-bandli ta' Triq l-Alwiża.

48.3.4 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn li tinbidel il-bozza tal-projector fis-Sala tal-Kunsill.

**48.4 Korrispondenza**

48.4.1 Ġiet imressqa korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill.

48.4.2 Ġiet ippreżentata email mingħand il-Perit ta' Transport Malta, David Vassallo li spjegat l-intervent li qed isir bħalissa mingħand Transport Malta f' Ta' Mrejnu, fuq Triq Għajn Tuffieħa. Ġie spjegat li dan ix-xogħol qiegħed isir sabiex tikber is-sigurta' u skond standards stabiliti.

48.4.3 Il-Kunsill iddiskuta il-korrispondenza li kien irċieva mingħand il-Kumitat tal-Festa Santa Marija dwar post alternattiv għall-gabbani tal-ikel. Il-Kunsill qabel unanimament li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar 'il quddiem.

**48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

48.4.1 Ma kienx hemm l-ebda' mistoqsija mill-Kunsillieri.

**48.5 Rapporti**

48.5.1 Is-Sindku ta' dettalji dwar laqgħa li kellu fil-jum tta' qabel mal-amministrazzjoni tal-iskejjel San Anton u San Andrea, il-pulizija u l-gwardjani lokali dwar il-problemi tat-traffiku li qed jinħoloq. L-iskejjel

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

jaqblu mal-proposta li saret li tingħata prijorita' lit-trasport pubbliku (vannijiet) imbgħad lit-trasport privat. Proposta oħra hi li jiżdiedu żewġ gwardjani lokali għall-perjodu ta' prova ta' 15 -il ġurnata. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta imma ma qabilx li l-Kunsill joħroġ spejjes biex dan isir.

48.5.2 Is-Sindku rrapporta dwar laqgħa ta' koordinament dwar il-proġett ta' L-Għasfura li saret fl-uffiċċini tal-HSBC fil-Belt Valletta. Is-Segretarju Eżekuttiv kien preżenti wkoll għall-din il-laqgħa. Waqtha, ġie deċiż li l-budget li fadal u li jammonta għal bejn wieħed u ieħor €47,800 jiġu użat sabiex isir sforz u dan il-proġett jitlesta sa' April 2017.

**48.6 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

48.6.1 Eman Vella informa li il-Malta Agriculture Youth Association kiene ser jagħmlu laqgħat għal bdiewa żgħażagħ Maltin fis-Sala tal-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Novembru.

**48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

48.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 11/2016, li kienet tammonta għal €15,363.84. Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**48.8 Mozzjonijiet**

48.8.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**48.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

48.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7:50pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 9 ta' Novembru 2016, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***